FIL-QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

IMHALLEF

ONOR . DOTTOR JOSEPH G. GALEA DEBOINO B.A., LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS, 30 TA' MEJJU, 2002

APPELL NUMRU: 99/2001 JGD

IL-PULIZIJA.
(SPETTURI NICHOLAS CIAPPARA
u NEIL HARRISON)

VS

JASON LOUIS PAUL SIVE JASON DECELIS

Il-Qorti:

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-18 ta' Frar, 1998 , talli f'dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Lulju, 1996 u x-xaharejn ta' qabel din id-data,

l. kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew l-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b' xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu id-droga fil-pussess tieghu w naqas li jipprova li id-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provvdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi , Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta ;

2. ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi , forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina , specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medici Perikoluzi , Kap.101, tal-Ligijiet ta' Malta , lil persuna/i jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew l-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi , Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talli dawn ir-reati jikkonsistu fil-biegh, fil-provvista fl-amministrazzjoni jew f' li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti lil persuni li jkunu qed isegwu programm ta' kura ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza mid-droga, bit -talba lill-Qorti , li , barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat appellant sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra tal-esperti , skond l-art. 533 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Mejju,

2001, li biha sabet lill-appellant hati skond l-akkuzi u , wara li rat l-artikolu 17 tal-Kap. 9 u r-Regolamenti 4 u 8 tal-G.N. 292/2939 u l-Artikolu 22(2)(B)(i) tal-Kap.101, ikkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ghoxrin xahar , mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat appellant kien inzamm taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz - oltre ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt-lira Maltin (LM500) u ikkundannatu ukoll ihallas l-ispejjez tad-Dok. MM ammontanti ghal tnejn u tletin lira Maltin u hamsa w ghoxrin centezmu (LM32.25c) u ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita u awtorizzat lill-istess imputat jirtira is-somma ta' LM10 formanti parti mid-dokument NC2 u awtorizzat lil missieru Charles Decelis jirtira id-dokument MC3;

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant minnu prezentat fit-18 ta' Mejju, 2001 li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u b' hekk tilliberah minn kull htija u mill-piena konsegwenzjali inflitta fuqu;

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti : li ix-xhud Malcolm Azzopardi kien skreditat mill-persuni kollha li kienu prezenti u ghalhekk ma kellux jigi moghti affidament mill-ewwel Qorti Li ix-xhud Matthew Farrugia ma kienx jaf ezatt meta xtara l-eroina minnghand l-appellant u x-xhieda tieghu hija palezement inattendibbli u anki dan l-allegat spacc ta' Mejju, kien karatterizzat minn dubju ragonevoli;

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-14 ta' Dicembru, 2001 li bih giet milqugha it-talba tal-appellant biex jerga' jiddeponi quddiem din il-Qorti ix-xhud Malcolm Azzopardi fit-termini lmitati li jissemmew fl-istess Digriet ;

Semghet ix-xiehda tal-istess Malcolm Azzopardi fil-kors tas-seduta tal-14 ta' Marzu, 2002 ;

Rat in-Nota tal-appellant tal-15 ta' Marzu, 2002 bid-dokument anness maghha u cioe' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Settembru, 1999 moghtija kontra l-imsemmi xhud Malcolm Azzopardi ;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-18 ta' Marzu, 2002 li biha esebixxa fedina penali aggornata tal-appellant u rega' ghamel riferenza ghall-art. 22(5) u l-art. 30 tal-Kap.101 u ghas-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija vs. John Borg" (23.6.1997) dwar x'inhuma r-rekwiziti biex jissussisti r-reat tal-pussess tad-droga ;

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur tal-appellant u tal-abbli Prosekutur . Fl-imsemmija trattazzjoni , id-difensur issottometta li jekk wiehed jezamina ix-xhieda ta' Azzopardi u ix-xhieda tal-appellant , isib li ma kienx hemm it-trapass tad-droga anki kieku kellu jitwemmen Azzopardi . Li seta' kien hemm , kien ikun tentattiv ta' spacc. Ghalhekk l-ewwel Qorti zbaljat meta irriteniet li kien hemm l-ispacc kunsmat . Jekk it-trappass ma kienx konkluz u wiehed jaccetta li kien l-appellant li ried jixtri minnghand Azzopardi, allura lanqas il-pussess tad-droga ma jkun jirrizulta. Ghar-rigward ta' dak li qal Matthew Farrugia, jibqa' d-dubju dwar meta gara l-kaz u anki il-Prosekutur ma kienx cert mill-validita' tax-xhieda ta' Farrugia.

Il-Prosekuzzjoni sostniet invece li skond l-art. 25 tal-Kap.101 kull minn jittanta li jispaccja droga , jaghmel reat u ma hemmx distinzjoni fil-piena . Dwar li Malcolm Azzopardi ma giex korroborat , l-art. 30 tal-Kap.101 jghid li b'eccezzjoni ghar-regola generali, ma hemmx bzonn li f'dat-tip ta'reat li xhud irid ikun ikkorroborat. U ghalkemm Matthew Farrugia veru wera dubju dwar il-periodu meta suppost l-appellant fornieh bid-droga, xorta wahda dan ix-xhud ma kellux jigi skartat . F'kull kaz mix-xhieda ta' Azzopardi u Farrugia tohrog xena . Illi pussess momentanju hu bizzejjed biex jissussisti r-reat u jekk wiehed jezamina id-depozizzjoni tal-appellant , jirrizulta li l-pussess hu ammess minnu .

Ikkunsidrat ;

Illi li qed jigi mitlub minn din il-Qorti hu li tvarja u tibdel l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti biex waslet ghall-htija tal-appellant . Illi gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta u kif preseduta , li il-Qorti normalment ma tvarjax l-apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet l-ewwel Qorti , sakemm din il-Qorti ma tqisx li l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory" , u dana fis-sens li fuq il-provi li jkollha quddiema l-ewwel Qorti u li jkunu jinsabu traskritti fil-process hi suppost li ma tkun qatt waslet ghall-konkluzzjoni ta' htija li tkun waslet ghaliha. U dana ghaliex ghax kif gie ritenut mill-Qrati Inglizi :-

> "..assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case , with the conclusion of the learned Magistrate) because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witness , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case - including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings - leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally , a conviction will be quashed." (Rex. v. Cooper (1969) 1 QB 276 per Lord Chief Justice Widgery - BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) p.1392 citat b'approvazzjoni fl-appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" (23.5.02 )

Ghalhekk l-ezami li ghandha taghmel din il-Qorti mhux li tara jekk taqbilx jew le mall-konkluzzjoni ta' htija raggunta mill-ewwel Qorti , izda jekk dik il-konkluzzjoni l-ewwel Qorti setghetx ukoll tasal ghaliha "safely" fuq il-provi li kellha quddiemha. Sa hawn jasal l-ezercizzju revizjonarju ta' din il-Qorti meta si tratta ta' apprezzament ta' fatti.

Irrizulta li fit-22 ta' Lulju, 1996, meta xi membri tal-Korp tal-Pulizija u cioe' P.S. 778 David Sant , P.C. 260 Kevin Azzopardi, P.C. 1057 Mario Cuschieri, P.C. 1351 Christopher Hardshorn u P.C. 1013 Raymond Debono , kienu vicin id-DETOX CENTRE f' Tal-Pieta', huma nnutaw tlitt zaghzagh imdawwrin ma karozza li fiha kien hemm l-appellant wahdu u meta l-ewwel erba' avvicinaw dan il-grupp ta' nies, fuq hogor l-appellant instabu zewg sachets li wara rrizultaw li kien fihom id-droga eroina u tlitt karti ta' LM5 il-wahda (parti minn dok.MC2) . Fost dawn it-tlitt zaghzagh kien hemm ix-xhud Malcolm Azzopardi li kemm mall-Pulizija a tempo vergine kif ukoll fid-depozizzjoni tieghu (Fols.18 - 22) qal li hu kien qed jixtri id-droga minnghand l-appellant u kien gja hallsu LM5, x'hin gew il-Pulizija fuqhom . Kien ukoll xtara minnghandu xi erba jew hames darbiet presso o poco fil-periodu ta' Mejju, Gunju u Lulju 1996. Kien jixtri minnghandu jew fejn id-DETOX jew kull fejn jarah u meta kien jiltaqa' mieghu kien jinqeda. It-tnejn l-ohra : Kenneth Vassallo u Sean Alfred Lea cahdu li kienu qed jixtru id-droga . Umbaghad xhud iehor certu Matthew Farrugia (Fol. 45 - 48 ) xehed li hu kien xtara xi tlitt darbiet droga minnghand l-appellant , pero' ma jiftakarx f' liema periodu ezatt kien xtraha. Kien jixtri b'ammont ta' LM5 kull darba u hdejn id-DETOX fejn kien ikun l-appellant . Kien xtara id-droga fit-tlitt xhur ta' qabel Awwissu, 1996. L-appellant gie interrogat mill-Pulizija u ghamel l-istqarrija (Dok. NC1) (fol.14 -15) li fiha ,kwazi ghad-domandi kollha li sarulu , ma wegibx. Meta l-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti (Fols. 104 sa 110 tal-process) hu qal li il-LM15 kien tahomlu missieru il-jum ta' qabel biex imur jixtri papocc . Meta fil-gurnata in kwistjoni kien ghaddej minn Gwardamangia , waqaf wiehed u qallu x'hin hu u kien hemm wiehed "iz-Zebbugi" bil-qara' u hu xtara zewg pakketti minn ghandu b'ghaxar liri LM10 u l-hames liri l-ohra xtrahom papocc umbaghad . X'hin kien ser ihallas taz-zewg pakketti gew il-Pulizija. L-appellant cahad li hu kien biegh lil din il-persuna u sostna invece li hu kien qed jixtri minnghand dil-persuna . Fl-istqarrija lill-Pulizija ma kienx qal il-verita' . Mistoqsi mill-Prosekutur in kontroezami kif jispjega li madwar il-car tieghu inzerta kien hemm hames persuni maghrufin mall-Pulizija tad-Dipartiment tad-Drug Squad ,l-appellant wiegeb li ma kienux imdawwrin mall-car tieghu . Mall-car tieghu kien hemm iz-Zebbugi u dak li kien qallu "x'hin hu" . Il-kumplament tal-kontroezami u sensiela

ta' risposti pjuttost evazivi u li ftit huma attendibbli. Missier l-appellant Charles Decelis xehed li hu kien ta LM15 lill-appellant biex jixtri zarbun .

Illi minn dawn il-provi ma jistax ikun hemm dubju li meta intervjenew il-Pulizija fit-22 ta' Lulju, 1996 , l-appellant kien instab fil-pussess ta' droga eroina u dana anki jekk tigi accettata il-versjoni guramentata tieghu ghax il-pusess anki recenti jew momentaneu ikun bizzejjed biex jissussisti r-reat ta' pussess semplici ladarba hu "ex admissis" ammetta li kien jaf li qed jixtri d-droga u din id-droga hu ammess li kienet f'hogru . Inoltre irrizulta li dak il-hin l-appellant kien involut "in flagrante" f'operazzjoni ta' spacc ta' droga . Izda fil-waqt li hu quddiem l-ewwel Qorti isostni li kien hu li qed jixtri bil-flus li kien tah missieru biex jixtri zarbun , ix-xhud Azzopardi isostni li l-appellant kien qed ifornih u li kien hu li kien ser jixtri u diga' kien ta lill-appellant LM5 . L-ewwel Qorti kellha taghzel bejn dawn iz-zewg versjonijiet .

Issa din il-Qorti ma tistax ma tosservax li kienet pjuttost koincidenza kurjuza u suspettuza li fil-waqt li madwar il-car li kien riekeb fiha l-appellant kien hemm TLITT persuni li l-appellant irid jaghti l-impressjoni li kkongregaw madwar il-car tieghu - u li rawhom hekk jikkongregaw mill-inqas hames ufficjali tal-Pulizija - b'kumbinazzjoni , ghax wiehed staqsieh jew qallu "x'hin hu" u l-iehor kumbinazzjoni inzerta spaccatur tad-droga , kellu jinzerta li f'hogru l-appellant, meta investewh il-Pulizija, kellu proprju TLITT noti ta' LM5 il-wahda , meta il-prezz ta' kull sachet droga skond ix-xhieda u anki skond l-istess appellant kien ta' LM5 is-sachet . Dan b'kumbinazzjoni , jew dawn il-flus kien ghadhom kemm tawhomlu it-tlitt persuni li kien hemm mal-karozza biex jixtru sachet jew qartax kull wiehed ?

Inoltre ix-xhud Azzopardi iddeskriva b'mod altru minn kredibbli u attendibbli dak li fil-fatt gara , mentri il-versjoni tal-appellant hija wahda evaziva ghall-ahhar fl-istadju tal-istqarrija u tistrieh fuq kumbinazzjonijiet xejn probabbli f'dak li jirrigwarda ix-xiehda tieghu guramentata. u hija ukoll sensiela ta'risposti evazivi ghall-ahhar li ftit jaghtu affidablita' ghall-versjoni tieghu. Illi inoltre is-sottomissjoni tad-difiza li ix-xhud Malcolm Azzopardi hija skreditata miz-zewg xhieda l-ohra prezenti mhux korretta ghax dawn kull ma ghamlu xehdu li huma ma xtrawx droga dak il-hin u wiehed ma jridx ikun wisq immaginatttiv biex jifhem ir-reticenza taghhom fic-cirkostanzi . Umbaghad ghal dak li hija "system of conduct" li hija ukoll fattur probatorju taht "circumstantial evidence" jew prova indiretta ghall-incident tat-22 ta' Lulju, 1996 , hemm ukoll ix-xhieda ta' Matthew Farrugia li jghid li kien jixtri id-droga minnghand l-appellant proprju fejn gara il-kaz u cioe' hdejn id-DETOX f' Tal-Pieta' .

Illi umbaghad lanqas ma hija korretta id-difiza fis-sottomissjoni taghha li dan Farrugia ma kienx cert dwar meta kien xtara minnghand l-appellant ghax a fol. 47 tal-process hu xehed :-

"Jien xtrajt id-droga minnghand l-imputat fit-tlitt xhur ta' qabel Awwissu , 1996."

terminu li jaqa' pjenament entro dak imsemmi fic-citazzjoni u cioe' fix-xaharejn qabel it-22 ta' Lulju, 1996.

Illi konfrontat bix-xhieda ta' dan Farrugia, in kontroezami, l-appellant , l-ewwel beda biex jghid li ma jafx min hu Farrugia, umbaghad mistoqsi jekk jafx li xehed fil-kawza kontra tieghu , wiegeb li ma jafx , u mistoqsi jekk Farrugia kienx qed jivvinta ukoll meta xehed li kien xtara id-droga minnghandu , l-appellant wiegeb bl-aktar mod evaziv u qal li l-Pulizija taf min ibiegh u ma jbieghx u li ma jafx Farrugia x' qal u ma qalx (meta dan Farrugia kien xehed quddiemu) .

Illi din il-Qorti thoss li fl-istat tal-provi li irrizultaw quddiem l-ewwel Qorti u kif hawn fuq riassunti , l-ewwel Qorti setghet pjenament tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , billi temmen versjoni u tiskarta ohra u certament li kien hemm provi bizzejjed kemm diretti u kif ukoll indiretti li setghu "safely" u b'mod sodisfacenti iwasslu lill-ewwel Qorti ghal konkluzzjoni ta' htija fuq l-akkuzi kollha dedotti kontra l-appellant . Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba jew b'xi mod tvarja is-sentenza appellata .

Illi ma hemm ebda aggravju fir-rikors tal-appell dwar il-piena inflitta mill-ewwel Qorti "ut sic" u f'kull kaz din taqa' pjenament entro il-parametri tal-ligi applikabbli ghall-kaz u ma tidhirx li hi b'xi mod

manifestament sproporzjonata . Anzi , jekk xejn , hija ferm eqreb il-minimu tal-piena karcerarja preskritta milli il-massimu li f'dal-kaz hu ta' ghaxar snin apparti iz-zieda bi' grad konteplata ghall-aggravanti kontemplata fit-tieni proviso tal-art. 22 (2) (b) tal-Kap.101 li iggib piena massima ta' tnax il-sena ,jekk l-ewwel akkuza titqies assorbita fit-tieni akkuza bhala "mezzo ghall-fini" u anki jekk wiehed jaccetta il-linja difensjonali li kull ma kien lahaq sar fit-22 ta' Lulju, 1996 kien tentattiv ta' spacc (art. 22 (5) Kap.101) .

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha.

(ft) Joseph G. Galea Debono
Imhallef

Paul Miruzzi
Dep. Registratur
30.5.02.